MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 135/1998/1

Dr.Pascal Demajo
vs
Dr.Herbert Messina Ferrante

**Illum 1 ta’ April 2003**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors numru 135/98 mghamul minn Dr.Pascal Demajo fejn ikkonferma bil-gurament:

illi l-esponent ghadu kreditur fis-somma ta’ elf erba mija u seba u tletin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (LM 437.93) in kwantu ghall-tmien mija u seba liri Maltin u hamsin centezmu (LM 807.50) sorte u in kwantu ghall-sitt mija u tletin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (LM

630.43) imghax bit-8% mill-20 ta' April, 1988 sal-20 ta' Jannar, 1998, oltre imghax ulterjuri bl-istess rata f'liema ammont ir-rikorrent kien gie kanonizzat kreditur tal-intimat b'sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1991;

Illi billi ghaddew izjed minn hames snin mill-precitata sentenza hemm bzonn li l-kreditu tar-rikorrent jigi rez esekuttiv u ghalhekk qed isir il-prezenti rikors;

Ghaldaqstant talab li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna l-esekuzzjoni tal-precitata sentenza ghall-ammont ta' elf erba mija u seba u tletin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (LM 1437.93) u l-imghax sussegwenti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Dr.Herbert Messina Ferrante fejn eccepixxa li l-ammont mitlub thallas u s-sentenza ghalhekk ma tistax tigi esegwita; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-19 ta' Frar 2001 a fol.22 fejn id-difensur tar-rikorrent informa lill-Qorti li l-meritu tar-rikors hu transatt, u kien fadal biss il-kap tal-ispejjez;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2003 fejn ir-rikors thallas ghall-provvediment fuq il-kap tal-ispejjez;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:-

Illi r-rikors odjern huwa bazat fuq id-dispost tal-Artikoli 253 u 256 tal-Kap.12; u b' mod partikolari l-Artikolu 258 li jirregola l-mod kif ghandha ssir l-esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qrati tal-Gustizzja meta jkun ghadda l-perijodu hemm stipulat ta' hames snin.

Illi fil-kaz in disamina r-rikorrent qed isostni li huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta' Lm1,437.93

rapprezentanti sorte u imghax bit-8% kif fuq indikat, u dan in bazi ghall-fatt li huwa kien gie kannonizzat kreditur tal-istess intimat b' sentenza fl-istess ismijiet mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-**13 ta' Mejju 1991**.

Illi, stante li lahaq ghadda l-perijodu ta' hames snin preskritt mill-ligi, r-rikorrent invoka l-procedura kontemplata fl-artikolu 258 fuq citat biex jesegwixxi s-sentenza indikata minnu, u tordna lill-intimat ihallas l-imsemmija somma flimkien mal-imghax sussegwenti sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi prodotti ma rrizultawx provati l-fatti asseriti mir-rikorrent. Fil-fatt, id-dokument esebit mir-rikorrent, ghalkemm huwa, kopja legali ta' sentenza mghotija minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju 1991; il-kontenut u s-suggett ta' din s-sentenza huwa ferm differenti minn dak sostnut mir-rikorrent. Minn ezami ta' din is-sentenza jirrizulta li dan hu provvediment waqt kawza li nghata wara talba diretta biex tigi gustifikata l-kontumacja tal-intimat, konvenut f' dik il-kawza.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent kif mghamula, ma setghet treggi qatt; u ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li **l-ispejjez tar-rikors odjern ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------